A.L. 77 ta' l-1994

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-1994 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 2)

BĦS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1994 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 2).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1992 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artiklu.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Biċċa art fiż-Żejtun flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 8/92/1, liema pjanta hija transunta fl-Atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att pubbliku datat 27 ta' April, 1994.